A.L. 46 tal-2011

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (KAP. 175)

Ordni tal-2011 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2011 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u Maġistrati, u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2011.

Revizjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin oħra u Maġistrati.

2. Għandu jitħallas lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, minflok is-salarji stabbiliti bl-artikoli 2 u 3 tal-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikat; għal kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' dik l-Iskeda.

SKEDA

(Artikolu 2)

	2011
Prim Imħallef	€ 44,163
Imħallfin oħra.....	€ 38,244
Maġistrati tal-Qorti Inferjuri	€ 32,517